**15 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Pisani

**Kwerela**

*Meta reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bil-kwerela tal-parti offiża u r-reat ma jkunx sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku u din il-kwerela ma tirriżultax mill-atti tal-proċess, dan ma jfissirx neċessarjament li l-proċeduri huma nulli. Jekk l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-pulizija tista' tmexxi l-azzjoni* ex officio *dwar dak ir-reat.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli fit-18 ta' Marzu, 1984, għal ħabta ta' 10.30 a.m. kiser: (1) il-paċi pubblika b'għajat u bi ġlied u aktar hebb għal Marisa Pisani kkaġunatha feriti ta' natura ħafifa; (2) skond iċ-ċertifikat ta' Dr. Ino Cali u aktar dejjaq lil Beatrice Pisani;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' l-14 ta' Ġunju, 1984 li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni billi hebb għal Marisa Pisani u wara li rat sec. 352 (bb) u 353 (1) (d), Kap. 12; minflok il-piena rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni personali li ma jimmolestax lil Marisa Pisani sa sena taħt penali ta' sittin lira (Lm60) fin-nuqqas u lliberatu mill-bqija billi ma rriżultax;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab ir-revoka tas-sentenza appellata kwantu sabitu ħati;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appell hu li l-proċeduri huma nulli peress illi ma jirriżultax dak li hu rikjest sabiex jittieħdu proċeduri taħt l-artikolu 353 (1) (d) tal-Kap. 12 li taħtu l-Ewwel Qorti sabet lill-imputati ħati;

Illi dan l-aggravju fil-fehma ta' din il-Qorti mhux fondat u dan stante dak li jipprovdi l-artikolu 355 ta' l-istess Kap. 12;

Dan l-artikolu infatti jiddisponi illi:

"Fir-reati ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, l-eżerċizzju ta' l-azzjoni Kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 536 meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż:

Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat";

Hu ovvju u ma hemmx ħtieġa ta' spjegazzjoni ulterjuri li fit-terminu ta' din id-disposizzjoni l-proċeduri huma regolari kemm għax hemm l-akkuża taħt l-artikolu 352 (bb) kif ukoll

għax il-parti leża mhux talli ma rrinunzjatx espressament għall-azzjoni kriminali fi żmien erbat ijiem, iżda tidher li għadha ferma fl-idea tagħha li tmexxi kontrih sal-lum;

Din l-eċċezzjoni għalhekk qed tiġi respinta;

Kwantu għall-appell proprju din il-Qorti wara li semgħet il-provi ma tarax għax għandha tvarja s-sentenza appellata li hi fil-fehma tagħha fondata sewwa;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata b'effett mil-lum.